# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 23 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 21.**
**Citazz. Nru. 1913/00 JRM**

**LADA MOTORS LIMITED**

**vs**

**Maurice CASSAR u Marcelle CASSAR in solidum.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf, erba' mija u tletin liri maltin ( Lm1,430), import ta' kambjali

minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsasbu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "22";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tletin liri maltin ( Lm1,430) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-isejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tletin liri maltin ( Lm1,430) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

*23 ta' Novembru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Novembru, 2000.**